MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' April, 2004

Numru 257/1999

PULIZIJA
SPETTUR PAUL CAMILLERI
SPETTUR NEVILLE XUEREB
VS
WILLIAM MERCIECA
MAHMOUD ALI EL KOMSI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati William Mercieca ta’ 25 sena bin missier mhux maghruf u Tessie nee’ Mercieca, imwieled Pieta, fl-14 ta’ Settembru 1973 u joqghod Third Floor, Flat 10, Camarata Buildings, Triq Merkanti, il-Belt-Valletta. ID Card No. 403973(M), u Mahmoud Ali El Komsi ta’ 25 sena bin Ali u Hamida nee’ Zigini, imwieled Tripoli, fl-14 ta’ Dicembru 1973 u joqghod f’post mhux maghruf. Libyan Passport Nru. 657948/91.

Nakkuzawhom talli fid-29 ta’ Marzu 1999 f’xi hin wara nofs in-nhar ikkommettew serq ta’ stereo ta’ marka Majestic li l-

valur tieghu huwa ta’ Lm120 (mija u ghoxrin Lira Maltin) minn vettura Nru. BAR 561 tal-marka Maruti ghad-dannu ta’ Anna Azzopardi li toqghod ‘Evergreen’ Triq l-Iskall, M’Scala, liema serq hu aggravat bil-mezz, ammont u xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261(b), (c), (g); 263 (a); 267 u 271(g) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement xtraw jew laqghu ghandhom oggetti misruqa li l-valur taghhom jeccedi l-mitt Lira Maltin izda anqas minn hames mitt Lira Maltin, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ ghamlu hsara fil-vettura Nru. BAR 561 tal-marka Maruti, propjeta ta’ Anna Azzopardi minn M’Scala, liema hsara hija ta’ aktar minn Lm50 (hamsin Lira Maltin) izda mhux aktar minn Lm500 (hames mitt Lira Maltin) ghad-dannu tal-istess Anna Azzopardi u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta;

Lil William Mercieca wahdu talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu f’idejh jew fuqu sikkina ta’ kull xorta li tkun b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 13(1) tal-Kap 66 tal-ligijiet ta’ Malta;

Lil William Mercieca wahdu talli b’hekk sar recidiv b’sentenzi li saru definittivi fit-23 ta’ Gunju 1992 (Awla B); fis-27 ta’ Mejju 1997 (Awla H); fil-31 ta’ Ottubru 1996 (Awla 14) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-11 ta’ Dicembru 1997 moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbal tas-27 ta' Mejju 2002 fejn l-imputat Mercieca ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat id-decizjoni ta' din il-Qorti tas-27 ta' Mejju 2002 li biha fil-konfront tal-imputat El Komsi gie dikjarat li l-proceduri kienu estinti in segwitu tal-mewt tal-imputat El Komsi fil-mori tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-pulizija inghatat informazzjoni anonima illi l-imputat u Gharbi kienu qed jisirqu stereo min karozza ta' marka Avella Silver Reg No CAG 412.

Il-pulizija accedew immedjatament u sabu lil El Komsi gol-istess karozza u l-istereo taht il-passenger's seat. Gie arrestat aktar tard l-imputat Mercieca li innega kull involviment.

Anne Azzopardi ikkonfermat li l-car BAR 561 kienet taghha ipparkjata f'Market Street u minnha insteraq stereo tal-marka Majestic jiswa Lm120. Xhedet illi l-karozza garrbet hsara ta' Lm18.49 (hgiega) u Lm5 fil-console.

PC 1387 Arno kkonferma t-telefonata anonima u li kien mar ma PC699 u PS1417 usabu lil El Komsi bilqeghda f'karozza li qal li kien jistenna lil William Mercieca li kien mar jixtri Coca (fol 43)

Minn tfittxija fil-karozza gie misjub l-istereo Majestic esebit bhala dok PC4.

PS 325 kkonferma l-istqarrija ta' William Mercieca (fol 46).

PC1305 kkonferma t-telefonata anonima li rceviet l-pulizija fil-Control room

PC699 Sevasta kkonferma l-istqarrija ta' El Komsi.

Spettur Camilleri a fol 71 esebixxa erba sentenzi dok PC9 sa PC12.

Saret il-prova tal-identita fil-konfront tal-imputat Mercieca.

Ikkunsidrat:-

Illi fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ma irnexxiliex tipprova il-kaz taghha sodisfacentement u cioe sal-livell probatorju li trid il-ligi u cioe al di la mid-dubbju dettat mir-raguni.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-prosekuzzjoni agixxu fuq telefonata anonima u sabu biss lil El Komsi fil-karozza bir-res furtiva.

L-istqarrija tal-imputat Mericeca hija cahda kategorika u l-istqarrija ta’ El Komsi legalment ma tikkostitwiex prova kontra l-ko imputat.

Illi f’mankanza ta’ provi ulterjuri din il-Qorti mghandhiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------